

Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16482/24

INST 385
POLGEN 156
AG 188

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Programmazzjoni leġiżlattiva: Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 u programmazzjoni pluriennali - Skambju ta' fehmiet

1. Fl-2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni permezz tal-Ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-ligijiet¹ (il-paragrafi 4 - 11 tal-FII). Fl-2016 ukoll, il-Kunsill approva l-arranġamenti prattiċi tiegħu dwar il-programmazzjoni annwali².
2. Fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali, huwa previst li mal-ħatra ta' Kummissjoni ġdida, sabiex jiġi ffaċilitat l-ippjanar aktar fit-tul, it-tliet Istituzzjonijiet ser ikollhom skambju ta' fehmiet dwar l-oġettivi u l-prijoritajiet politiċi prinċipali għall-mandat il-ġdid. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, u skont il-każ, huma ser ifasslu konklużjonijiet konġunti li għandhom jiġu ffirmati mill-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet.
3. Fir-rigward tal-programmazzjoni annwali, il-Kummissjoni għandha tidħol fi djalogu mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tagħha. Mhux il-passi speċifiċi kollha u l-iskeda taż-żmien għal dan id-djalogu jistgħu jiġu applikati bħala tali għall-ewwel programm ta' ħidma tal-Kummissjoni l-ġdida.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

² 6879/16

4. Il-Kunsill għandu l-għan li jiżgura li t-tliet Istituzzjonijiet, filwaqt li kull waħda minnhom tagħxi bis-setgħat u l-prerogattivi proprji tagħha, jaħdmu b'mod effettiv flimkien biex iwettqu l-Aġenda Strateġika 2024–2029 maqbula mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2024 li tiggwida l-ħidma tal-Istituzzjonijiet tul il-ħames snin li ġejjin.
 5. Wara l-ħatra tal-Kummissjoni, il-Presidenza qed tippjana li jkollha skambju ta' fehmiet dwar il-programmazzjoni mal-Kummissjoni fil-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas-17 ta' Diċembru 2024.
 6. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' spjegazzjoni bil-mistoqsijiet tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet.
 7. Wara l-iskambju ta' fehmiet fl-17 ta' Diċembru, il-kontribut mill-Kunsill lill-Kummissjoni jista' jiġi rifless f'ittra mill-President tal-Kunsill lill-President tal-Kummissjoni. Dan il-kontribut ser jipprovdi wkoll bażi għall-iskambji mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.
-

Programmazzjoni leġiżlattiva:**Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 u programmazzjoni pluriennali***Skambju ta' fehmiet*

Kif imfakkar fl-Aġenda Strateġika 2024-2029, *"ix-xenarju politiku globali qed jieħu sura ġdida b'kompetizzjoni strateġika, instabbiltà globali dejjem tikber u tentattivi biex l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli jiddgħajef"*. F'dan il-kuntest, l-Aġenda tidentifika għadd ta' prijoritajiet li għandhom jiġu implimentati fiċ-ċiklu istituzzjonali l-ġdid biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Unjoni Ewropea li tkun ħielsa u demokratika, b'saħħitha u sigura, prospera u kompetittiva.

Barra minn hekk, fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ewropew Ġdid dwar il-Kompetittività, il-Mexxejja impenjaw ruħhom li jagħmlu l-Unjoni *"aktar kompetittiva, produttiva, innovattiva u sostenibbli, filwaqt li nibnu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u niżguraw konverġenza u kundizzjonijiet ekwi kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-livell dinji"*.

F'dan l-isfond, u wara l-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jaqsmu fehmiet dwar il-programmazzjoni leġiżlattiva billi jiffukaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Liema prinċipji u objettivi ewlenin jistħoqqilhom prominenza partikolari fi ħdan il-konklużjonijiet konġunti dwar il-programmazzjoni pluriennali?
- Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 kif jista' jinkorpora bl-aħjar mod il-prijoritajiet politiċi ewlenin, inkluż permezz ta' inizjattivi ġodda?
